2025/1431

17.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/1431

tad-9 ta' Lulju 2025

dwar il-ħatra tal-kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/69 (EUSDI/2/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1599 tat-3 ta' Awwissu 2023 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (l-"Inizjattiva"). Barra minn hekk, il-Kunsill awtorizza lill-KPS biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ.

(2) Fit-8 ta' Jannar 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/69 ([2]), li taħtar lill-Kaptan Francisco Javier LÓPEZ FUSTER bħala kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva mill-15 ta' Jannar 2025.

(3) Fil-21 ta' Mejju 2025, l-awtoritajiet tan-Netherlands ipproponew il-ħatra tal-Kaptan André (Annius) VAN DER KAMP bħala kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva (il-"ħatra proposta").

(4) Fit-2 ta' Ġunju 2025, il-Kmandant Militari għall-pilastru militari tal-Inizjattiva appoġġa l-ħatra proposta.

(5) Fit-18 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea qabel li jirrakkomanda li l-KPS japprova l-ħatra proposta.

(6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kaptan André (Annius) VAN DER KAMP bħala l-kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva mis-16 ta' Lulju 2025.

(7) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/69 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kaptan André (Annius) VAN DER KAMP huwa b'dan maħtur bħala l-kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea mis-16 ta' Lulju 2025.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/69 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 196, 4.8.2023, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1599/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/69 tat-8 ta' Jannar 2025 dwar il-ħatra tal-kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (EUSDI/1/2025) (ĠU L, 2025/69, 13.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/69/oj).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2025.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2025.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK